MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 1066/2011

Fl-atti tar-Rikors Maħluf bin-numru 752/2011JRM u fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 1018/2011 ippreżentat nhar is-27 ta’ Lulju, 2011, fl-ismijiet:

**FAHRENHEIT FREIGHT FORWARDERS CO. LIMITED**

vs

**MARKET HANDLE LIMITED** u Celine Lee Bentley

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-31 ta’ Ottubru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti eżekutata Celine Lee Bentley (aktar ’il quddiem imsejħa “l-eżekutata”) talbet li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru safejn dan huwa maħruġ

kontriha mill-intimata eżekutanti Elaine Sant Galea (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fis-27 ta’ Lulju, 2011, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallasha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(a)(b) u (d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta’ Novembru, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u tatha żmien biex tressaq l-osservazzjonijiet tagħha kif irid l-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fis-16 ta’ Novembru, 2011, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutata billi, fl-ewwel lok, stqarret li hija ma ipproċedietx biex tressaq il-pretensjonijiet magħmula fil-Mandat permezz ta’ kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi. Żiedet tgħid li dan ġara għaliex hija biss impjegata mal-kumpannija Fahrenheit Freight Forwarders Limited (l-eżekutanti l-oħra fl-imsemmi Mandat) u għaliex ma kenitx f’qagħda finanzjarja li tiftaħ kawża, ladarba min-naħa tagħha, l-eżekutata kienet ħarġitilha Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru li effettwa l-flus kollha li hija kellha depożitati fil-banek. Ċaħdet li hija jmissha tħallas penali lill-eżekutanti, għaliex f’kulma għamlet mexxiet b’bona fidi;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutata fis-17 ta’ Novembru, 2011, b’replika għat-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti eżekutata trid li jitneħħew l-effetti ta’ Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru

maħruġ kontriha (u kif ukoll kontra persuna oħra) mill-eżekutanti fis-27 ta' Lulju, 2011;

Illi r-raġuni mressqa mir-rikorrenti hi: (a) li l-imsemmi Mandat kawtelatorju ma għadux iżjed fis-seħħ billi l-eżekutanti naqset li tiftaħ fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi l-kawża bil-pretensjonijiet dwar il-jedd imsemmi minnha bħala kawżali fl-imsemmi Mandat;

Illi, b'żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qiegħda titlob ukoll li l-eżekutanti tiġi kundannata tħallasha penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata u kif ukoll kontra l-kumpannija Market Handle Limited fis-27 ta' Lulju, 2011, u kien notifikat lil ħames sekwestratarji, ilkoll banek lokali. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' żewġ miljun u ħames mitt elf euro (€2,500,000)[1] u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "kawtela ta' danni kaġunati lill-istess sekwestrant Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited u lill-istess Elaine Sant Galea bit-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru 1006/11. ...". L-eżekutata hija waħda mid-diretturi tal-kumpannija debitriċi eżekutata Market Handle Limited. Il-Mandat intlaqa' dak inhar li tressaq u għalkemm l-eżekutata ma kenitx notifikata, is-sekwestratarji kienu lkoll notifikati l-għada. Filwaqt li l-eżekutanti Fahrenheit Freight Forwarders Limited iddeduċiet il-pretensjonijiet tagħha kontra l-eżekutata (u l-kumpannija eżekutata) b'Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Awissu, 2011[2], l-eżekutanti ma fetħet l-ebda kawża sal-lum konta l-ebda wieħed mill-istess eżekutati;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifika tal-liġi li fuqha r-rikorrenti ssejjes it-talbiet tagħha. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed

[1] Mandat 1018/11, f'paġġ. 9 – 10 tal-atti
[2] Rik. Nru. 752/11AF (assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta)

isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma’ eżami x’aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b’mod abbużiv[3];

Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti ssemmi kawżali waħda li dwarha tistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa u jiġifieri, l-kawżali li l-att kawtelatorju m’għadux iktar fis-seħħ [art. 836(1)(a)]. Din id-dispożizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob deċiżjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares b’dak il-Mandat[4]. Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-Mandat jaqa’ hekk kif jgħaddi dak iż-żmien. Din hija, normalment, l-unika waħda mis-sitt raġunijiet maħsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista’ tilqa’ t-talba għat-tħassir tal-Mandat b’sempliċi kostatazzjoni mill-atti, għaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawża jew le[5];

Illi f’dan il-każ ma huwiex kontestat li l-eżekutanti ma fetħet l-ebda kawża konta l-eżekutata. Dan tistqarru l-eżekutanti nnifisha fit-Tweġiba mressqa minnha[6]. Madankollu, l-istess eżekutanti tiprova tiġġustifika dan billi tgħid li hija iddaħħlet fl-istorja intortament, għar-raġuni sempliċi li inzertat impjegata mal-kumpannija eżekutanti Fahrenhiet Freight Forwarders Limited, u f’dik il-kwalita’ kienet laqgħet in-notifika tal-atti mressqa minn Market Handle Limited u mill-istess rikorrenti eżekutata. Fuq kollox, żiedet tgħid li, minħabba l-mandat li kienu għamlu l-istess eżekutati kontra tagħha, ma kenitx f’qagħda finanzjarja li tista’ tħallas l-ispejjeż biex tiftaħ il-kawża wara li ħarġet il-Mandat;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa’ dan l-argument tal-eżekutanti. Fl-ewwel lok, ir-raġuni dwar in-nefqa biex tinfetaħ il-kawża ma tistax titqies bis-serjeta’ u lanqas hija waħda tajba bil-

---

[3] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[4] Ara art. 843(1), 846(1), 849 u 876A tal-Kap 12
[5] Art. 836(2) tal-Kap 12
[6] Paġ. 27 tal-atti

liġi. L-għażla dwar is-"sorti" u kemm kien l-ammont ta' danni mġarrba mill-eżekutanti kienet għażla tagħha nnifisha. Jekk inhu minnu li n-nefqa biex tinbeda l-kawża kienet b'xi mod marbuta mal-ammont tal-pretensjoni msemmi fil-Mandat attakkat, l-istess eżekutanti kellha rimedji oħrajn maħsuba fil-liġi biex tegħleb xkiel bħal dan. Fit-tieni lok, jidher li f'għajnejn il-liġi, il-ħtieġa li l-kawża titressaq fiż-żmien preskritt wara li jinħareġ il-Mandat kawtelatorju, hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependix mill-mottivi jew miċ-ċirkostanzi partikolari tal-parti eżekutanti. Huwa biss bil-kunsens u l-qbil tal-parti eżekutata li ż-żmien biex titressaq il-kawża jista' jitwal. Fit-tielet lok, ladarba l-eżekutanti l-oħra (l-kumpannija li tagħha l-eżekutanti intimata hija impjegata) bdiet il-kawża, ma jidhirx li jista' jitwemmen meta jingħad li n-nefqa tal-kawża kienet sejra tintrefa' kollha mill-eżekutanti intimata. Fir-raba' lok, wieħed ma jridx jinsa li s-"sorte" tal-Mandat inġabar f'somma waħda għaż-żewġ eżekutanti, u għaldaqstant l-eżekutanti intrabtu flimkien f'dik il-pretensjoni u ma kienx mistenni li l-istess eżekutanti tiftaħ il-kawża waħedha. Fil-ħames lok, jekk kemm-il darba kien jidher li l-eżekutanti ma kenitx f'qagħda finanzjarja li tidħol għall-piż tan-nefqa tal-kawża, messha kienet għaqlija biżżejjed biex tirrinunzja għall-pretensjonijiet tagħha kontra l-eżekutata u tirtira t-talba tagħha magħmula fil-Mandat attakkat;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrenti eżekutata hija mistħoqqa u, safejn il-Mandat inħareġ mill-eżekutanti Sant Galea, għandu jitqies imħassar b'seħħ mill-għeluq taż-żmien li fih l-istes eżekutanti kellha l-obbligu li tiftaħ il-kawża bid-deduzzjoni tal-pretensjonijiet tagħha fl-imsemmi Mandat;

Illi r-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[7];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat

[7] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12

kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[8], iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[9]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[10];

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti ssemmi speċifikatament tlieta minnhom, u jiġifieri (a) li l-eżekutanti naqset bla raġuni tajba li tagħmel il-kawża dwar it-talba fiż-żmien mogħti mil-liġi[11], (b) li l-eżekutanti naqset milli tgħid b'raġuni tajba għaliex ħarġet il-Mandat bla ma fi żmien ta' ħmistax-il jum qabel dak il-ħruġ ma kenitx talbet lill-eżekutata biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni dedotta fil-Mandat[12], u (d) li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat attakkat saret mill-eżekutanti b'ħażen, għal raġuni fiergħa u vessatorjament[13];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, kulma jrid jingħad hu li irriżulta bla ma huwa kontestat li l-eżekutanti tassew naqset li tressaq b'kawża l-pretensjonijiet tagħha tal-Mandat fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi. Minbarra dan, il-Qorti diġa qieset li r-raġunjiet li tat l-eżekutanti għan-nuqqas tagħha ma jistgħux jitqiesu bħala tajbin. Lanqas

[8] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[9] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[10] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***
[11] Art. 836(8)(a) tal-Kap 12
[12] Art. 836(8)(b) tal-Kap 12
[13] Art. 836(8)(d) tal-Kap 12

titqies tajba r-raġuni għaliex ħalliet lill-eżekutanti tasal sa din il-proċedura biex titlob hi t-tħassir tal-Mandat;

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li ngħatat raġuni tajba mill-eżekutata għaliex għandha tikkunsidra li timponi l-penali fuq l-eżekutanti;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex ma iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[14], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata wriet li, qabel ma l-eżekutanti ħarġet kontriha l-Mandat attakkat, ma kienet saret l-ebda talba mill-eżekutanti għal-likwidazzjoni jew il-ħlas tad-danni. Għall-kuntrarju, ħareġ mill-atti li l-Mandat attakkat inħareġ jumejn wara li l-eżekutati kienu mexxew bi proċeduri kontra l-eżekutanti;

Illi hawnhekk ukoll, fil-fehma tal-Qorti, jirriżultaw l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali;

Illi dwar it-tielet ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressqitx provi jew argumenti tajbin biżżejjed biex turi li l-Mandat inħareġ mill-eżekutanti b'ħażen. Il-Qorti, f'dan il-każ, timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[15];

Illi billi ngħad li s-sejbien ta' mqar raġuni waħda minn dawk l-erbgħa maħsuba fl-artikolu 836(8) hija biżżejjed biex tagħti lok għall-kundanna tal-ħlas tal-penali, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba wkoll;

---

[14] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[15] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti Celine Le Bentley billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** u ssib li, safejn il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1018/2011 inħareġ minn Elaine Sant Galea kontra r-rikorrenti eżekutata, dan ma kienx segwit bil-kawża fiż-żmien mogħti mil-liġi;

**Tilqa' t-tieni talba** u tordna li, safejn l-imsemmi Mandat inħareġ mill-intimata Elaine Sant Galea, dan ma baqax aktar fis-seħħ minn dak inhar li għadda ż-żmien imsemmi biex titressaq il-kawża;u

**Tilqa' t-tielet talba** billi tikkundanna lill-imsemmija intimata eżekutanti tħallas lir-rikorrenti eżekutata penali ta' elfejn euro (€2,000), flimkien mal-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------